L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001

# *Scrooge*

*M'ghandniex xi nghidu, l-istorja tat-transazzjoni ghall-Ewro hija wahda twila. Gabet maghha hafna kontroversji u spejjez li hafna drabi kienu jolqtu l-aktar hazin lin-negozji z-zghar u ta' daqs medju. Id-data originali tat-transazzjoni giet posposta u l-konsumatur ukoll, kemm-il darba kemmex xufftejh ghall-abbuzi li bidla bhal din tista' ggib maghha.*

Bhalissa fil-pajjizi membri ta' l-Unjoni, flimkien mal-preparazzjonijiet kuluriti ghall-festa ta' ferh tal-Milied kif ukoll ta' l-Ewwel tas-Sena l-gdida, hemm preparazzjonijiet ohra ghaddejjin. Din is-sena – ghall-Ewropej, il-bidu tas-sena se jgib mieghu mhux biss aspirazzjonijiet individwali, imma wkoll bidliet ekonomici, finanzjarji u bankarji lic-cittadin, mill-ewwel ta' Jannar 2001, li l-ebda Ewropew ma jista' bl-ebda mod jahrab minnhom, imma se jarahom fil-karti tal-flus u l-muniti l-godda ta' l-Ewro.

F'kull pajjiz membru, l-amministrazzjoni tal-Gvern qeghdin ihejju lic-cittadini ghal dil-bidla straordinarja. Ma jfissirx li dal-programm beda issa. Minn zmien ilu, nies imqabbda apposta ntbaghtu fil-hwienet biex jiccaraw lil-bejjiegha kwalunkwe dubji li kellhom dwar il-munita l-gdida biex il-bejjiegha stes ikunu l-"*key players*" fl-introduzzjoni ta' l-Ewro.

Il-konsumaturi kollha, mill-aktar anzjani sat-tfal, harrguhom u nfurmawhom dwar il-munita b'mezzi ta' *leaflets* mibghuta fid-djar, b'reklamar permezz tal-mezz tal-komunikazzjoni kif ukoll fil-kaz ta' tfal permezz ta' loghob li l-munita li hi kkwotata fihom hi proprju l-Ewro.

Inhargu wkoll karti ta' l-Ewro foloz biex bihom jitharrgu n-nies ghomja, torox u bi bzonnijiet specjali.

M'ghandniex xi nghidu, l-istorja tat-transazzjoni ghall-Ewro hija wahda twila. Gabet maghha hafna kontroversji u spejjez li hafna drabi kienu jolqtu l-aktar hazin lin-negozji z-zghar u ta' daqs medju. Id-data originali tat-transazzjoni giet posposta u l-konsumatur ukoll, kemm-il darba kemmex xufftejh ghall-abbuzi li bidla bhal din tista' ggib maghha.

Imma issa z-zmien veru wasal. Il-vantaggi li l-ekonomisti jbassru minn din is-sistema monetarja l-gdida – jew ahjar mill-ahhar stadju taghha – huma bazikament hamsa.

Huma jbassru dak li jsejhu " *a level playing field* " li jfisser li s-suq jikber anke ghal kumpaniji zghar, li l-likwidità tas-suq ukoll se tikber, ir-rati bankarji se jkunu aktar favorevoli ghall-kummercjant, ghalkemm l-interessi ghadhom jiffavorixxu dejjem aktar lill-kumpaniji l-kbar; ir-rati ta' skambju m'humies se jezistu iktar b'effett li l-kummercjant m'ghandux ghal xiex jippreokkupa ruhu minn tibdil kemm fl-istess rati, kif ukoll li jaqleb flusu biex jikkumpensa ghal caqlieq fil-valur tal-munita tal-pajjiz tieghu, u fl-ahhar nett, vantaggi ta' mmaniggjar ta' debiti.
Ovvjament, huma l-ekonomisti stess li jammettu li taqliba bhal din se jkollha wkoll zvantaggi. Wiehed minn dawn l-izvantaggi huwa ta' kompetizzjoni ikbar minn kullimkien.

Zvantagg iehor hu dak ta' nvestituri potenzjali barranin li jridu jifthu n-negozji fit-12-il pajjiz li se jiffurmaw parti mill-Ewro. Se jkun iktar difficli li pajjiz jattira nvestituri barranin lejh billi jkollu ftit li xejn differenti x'joffri minn pajjizi membri ohra.

Imma x'inhuma l-bizghat tal-konsumatur f'din il-maghmudija gdida lill-flus l-Unjoni ? Preokupazzjoni magguri hija, li f'isem il-bidla il-prezzijiet joghlew billi jkunu mohbija fit-transizzjoni bejn munita u ohra kif ukoll kazijiet ta' zbalji genwini ta' kalkoli hziena minn munita ghall-ohra. Fenomenu iehor li fil-fatt gara, kien, li xi negozji ghollew il-prezzijiet taghhom anke qabel l-introduzzjoni ta' l-Ewro. Dan ammettih ukoll il-Kummissjonarju Solbes li ntervistawh fir-rivista "*Infeuro*" li ghaliha llum qed nirreferi.

Ghal aktar protezzjoni lill-konsumatur, il-Kummissjoni, l-Assocjazzjoni tar-*Retailers*, ta' negozji zghar u ta' daqs medju kif ukoll dawk tal-konsumaturi weghdu lill-konsumaturi, li se jassiguraw li jkun hemm stabbilità fil-prezzijiet, kif ukoll li, ghall-ewwel sitt/tmien gimghat tal-bidla se titkompla s-sistema tad-*dual pricing* – jigifieri li l-prezzijiet jikkwotawhom mhux biss bl-Ewro, imma wkoll bil-munita antika.

L-ghaqdiet qeghdin ukoll jiggarantixxu li jekk fil-konverzjonijiet ikun hemm xi diskrepanzi, dawn ghandhom dejjem imorru favur il-konsumatur.

Ghalkemm l-introduzzjoni ta' l-Ewro hu progett ikkumplikat iehor li qed jigi affettwat mill-Unjoni u, ghalkemm l-aspirazzjonijiet huma kbar, il-fatt hu, li l-ewwel tas-sena li jmiss, l-istrina se tkun f'munita differenti – xi haga li c-cittadin qed jilqa' b'ansjetà.

Imma ghalkemm dan il-pass jista' jkun pass fid-direzzjoni t-tajba, hu biss iz-zmien li jista' jaghtina parir u l-prattika li kull darba turina l-vera wicc ta' bidla bhal din.

Dal-Milied *Scrooge* se jkollu opportunità gdida jikkontja l-flus – nittamaw li jkun qalbu tajba!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*